**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**8 ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru 61/2018**

**Malcolm Grech**

**Vs**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikorsipprezentat minn **Malcolm Grech** fit-2 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti huwa tester tal-vetturi fil-Vehicle Roadworthiness Test Station maghrufa bl-isem 'Fred's Motor Repairs & VRT Testing', li tinsab fi Triq il-Kanun, Qormi/SantaVenera.*

*Illi permezz ta' ittra/decizjoni tal-5 ta' Gunju 2018 li qed tigi annessa, l-Awtorita' ntimata ddecidiet hekk "....the sanctions established in Regulation 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case and hence 50 penalty points are being imposed against you for a violation of Item 20 of the Twelfth Schedule (Overlooking a fault in, or failing to test for, tyres)".*

*Illi jibda biex jinghad li skond l-ittra surriferita,l-20 punt gew mposti fuq ir-rikorrenti abbazi tal-artikolu 14(1)(a) u (b) tal-S.L. 65.16, liema artikoli izda ma jezistux.*

*Illi subordinarjament u minghajr pregudizzju, l-Awtorita' imponiet /wahhlet dawn il-punti ta' penali lir-rikorrenti ingustament.*

*Ma hux minnu illi r-rikorrent injora difett jew naqas milli jittestja t-tajers kif kontemplat f'punt 20 tat-Tnax il-Skeda surriferita.*

*Illi r-rikorrenti jiehu xogholu b'serjeta kbira u fil-grad rikjest minn missier tajjeb tal-familja, u jsegwi l-istruzzjonijiet u l-guidlines pprovduti mil-Awtorita stess sabiex dan ikun cert li qieghed jaqdi xogholu kif suppost.*

*Illi ghalkemm l-Awtorita' fid-decizjoni taghha indikat li r-rikorrenti ma kellux jghaddi l-vettura in kwistjoni mill-VRT test minhabba li t-"tyres of the vehicle were badly cracked", jigi sottomess bir-rispett li din il-konkluzjoni qed tigi ghal kollox kontestata, ghaliex hi erroneja. It-tyres tal-vettura in kwistjoni fil-fatt kien ghad kellhom it-'thread' u l-'grooves' intatti,u l-livell ta' wear and tear li jkollu kull tyre uzat, kien f'livelli accettabbli.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita` kif kontenuta fl-ittra/decizjoni tal-5 ta' Gunju 2018, taht kull provvediment li joghgbu jaghti dan it-Tribunal. "*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 12 ta' Lulju 2018 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:
"

1. *Illi, preliminarjament, ir-rikors tal-appell ipprezentat mir-rikorrent Malcolm Grech fit-2 ta' Lulju, 2018 huwa* **null** *u bla ebda effett ghaliex huwa pprezentat* ***fuori termine*** *u cioe' izjed tard minn 21 gurnata mill-avviz tad-decizjoni (li kien il-5 ta' Gunju, 2018, kif jirrizulta mid-dokument anness mar-rikros tal-appell promotur) kif stabbilit fir-regolament 22 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi sommarjament michud u dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandu jiehu ebda konjizzjoni ulterjuri tieghu.*

2. *Illi, fit-tieni lok, u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari tan-nullita', fir-rigward ta' dik li jidher li qed jinghata bhala aggravju preliminari fis-sens illi "skond l-ittra surriferita, l-20 punt (****errata corrige:*** *fir-realta' 50 punt, u mhux 20 punt) gew imposti fuq ir-rikorrenti abbazi tal-artikolu (****errata corrige:*** *regolament mhux artikolu, ghaliex huwa provvediment ta' Legislazzjoni Sussidjarja u mhux ta' Att jew Ordinanza) 14(1)(a) u (b) tal-S.L. 65.16 (****errata corrige****: S.L. 65.15 u mhux S.L. 65.16) liema artikoli izda ma jezistux" jigi pprecizat illi fil-fatt ir-riferenza hija ghall-paragrafi (a) u (b) tas-sub-regolament (2) u mhux (1) tas-sub-regolament tal-Legilazzjoni Sussidjarja 65.15 izda dan certament li ma jwassalx ghan-nullita' tal-Avviz mahrug mill-Awtorita' bl-istess mod illi t-tliet zbalji riskontrati f'sentenza wahda kif fuq indikat ma jwasslux ghan-nullita' tar-rikors tal-appell intavolat mir-rikorrent. Oltre dan, jigi sottolineat illi r-riferenza ghal Item 20 tat-Tnax-il Skeda tal-L.S. 65.15 hija korretta – 'tinjora difett jew tonqos milli*

*tittestja t-tajers – 50 punt' – u huwa proprju ghal dan in-nuqqas li r-rikorrent gie penalizzat mill-Awtorita' rispondenti.*

3. *Illi, fil-mertu, u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari tan-nullita', id-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Malcolm Grech permezz tal-ittra taghha datata 5 ta' Gunju, 2018 hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi ghaliex huwa minnu illi r-rikorrent injora difett fit-tajers jew naqas milli jittestja t-tajers tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni 'DST 025' meta bhala tester li ghamel il-VRT test fuq din il-vettura fid-19 t'April, 2018 fl-istazzjoni tal-VRT bl-isem 'Fred's Motor Repairs' hareg pass test certificate meta t-tajers ta' dil-vettura ma kinux tajbin, u dan kif se jigi ampjament ippruvat (jekk ikun il-kaz) waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell. Ghalhekk id-decizjoni tal-Awtorita' ghandha tigi konfermata u r-rikors tal-appell prezentat mir-rikorrent appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra tieghu."*

Ra illi fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2018 id-difensur tar-rikorrent irtirat il-premessa numru tlieta filwaqt li l-Awtorita` intimata irtirat l-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghha

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 5 ta' Gunju 2018 li permezz taghha gie mgharraf illi kien qieghed jigi penlizzat b'hamsin (50) punt peress li kien ghadda vettura mit-test tal-VRT meta fil-fatt din kellha t-tyres "badly cracked".

**Joseph Mifsud**, ufficjal tal-Awtorita` intimata, stqarr li kienu rcevew rapport minghand sid ta' VRT station illi kienet mar is-sid tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DST 025 li kellu t-tyres ma jghaddux u sidha qallu biex ihalliha u telaq 'l hemm. Huwa spjega li huwa zamm nota ta' din il-vettura u rrizultalu li sussegwentement kienet ghaddiet mill-VRT mir-rikorrent. Jispjega li wara li sarilha l-VRT huwa ghajjat lil sid il-vettura biex isirilha *post-VRT* u nnota li t-tyres kienu maqsumin. Jispjega li ghalkemm il-hduna tat-*thread* tkun ghadha hoxna bizzejjed, it-tyre ikun spicca, jizloq u jiskiddja izjed ghax il-lastiku jibbies, jitqarqac u ma jibqghax tajjeb. Jispjega li s-sid tal-vettura qallu li jekk

hemm bzonn ibiddilhom u fil-fatt hekk ghamel. Jispjega li tnejn mit-*tyres* biss kienu hziena hafna, filwaqt li t-tnejn l-ohra kienu jifilhu jwasslu ftit iehor.

**Ir-rikorrent** spjega illi huwa ma kienx jaf lil sid il-vettura in kwistjoni. Fir-rigward tat-tyres in kwistjoni huwa spjega li jiccekkjaw jekk it-tyre il-hxuna u jekk ikunx mikul jew ikollux xi qasma kbira. Jispjega li fil-kaz in kwistjoni kien gibed l-attenzjoni tas-sid fuq it-tyres ta' quddiem filwaqt li l-ufficjali tal-Awtorita` sabu li t-tyres ta' wara kienu hziena.

**Adrian Sammut**, *assistaqnt* VRT tester, stqarr illi huwa jahdem mar-rikorrent u li t-test fuq it-tyres ta' vettura jsir billi jiccekkjaw jekk it-tyres ikunux maqsumin u jaraw il-livell tal-laham tat-tyres, jiccekkjaw ghal xi qsim u jekk humiex l-istess qies. Jispjega li fil-kaz partikolari, huma gibdu l-attenzjoni tas-sid ghat-tyres ta' quddiem ghaliex kellhom xi ftit mikul minn barra. Pero` l-kumplament, bhala *thread* kienet tajba. Muri mit-Tribunal ir-ritratti li esebixxa Joseph Sammut dwar l-istat tat-tyres ta' wara fil-*post VRT* ix-xhud spjega li meta huma ghamlu l-VRT it-*tyres* ta' wara ma kinux f'dak l-istat.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi jirrizulta illi fid-19 ta' April 2018 ir-rikorrent ghamel VRT fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DST 025. Xi jiem qabel kienet dahlet informazzjoni ghand l-Awtorita` intimata illi l-istess vettura ma kinitx ghaddiet mill-VRT minhabba li t-tyres riedu jinbidlu. L-ufficjal Joseph Mifsud segwa jekk din il-vettura ghamlitx fil-fatt VRT iehor u rrizultalu li kienet ghaddiet mit-test u ghalhekk fit-30 ta' April 2018 sejjah lil sidha biex isir *post VRT*. Fl-imsemmi *post VRT* allegatament irrizultalu li z-zewg *tyres* ta' wara kienu fi stat hazin hafna u ma kellhomx jghaddu mit-*test*. Ghalhekk l-Awtorita` intimata imponiet hamsin (50) punt ta' penali abbazi tal-Partita 20 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 u cioe` ghaliex ir-rikorrent injora difett jew naqas milli jittestja t-tyres.

Illi t-Tribunal ghandu quddiem zewg verzjonijiet totalment opposti. Filwaqt li l-ufficjal tal-Awtorita` intimata jishaq li t-*tyres* ta' wara kienu hziena, ir-rikorrent u l-*assistant tester* jghidu li meta spezzjonaw il-vettura dawn iz-zewg tyres kienu tajbin mentri kienu z-zewg *tyres* ta' quddiem li avzaw dwarhom lil sid il-vettura li kellu jiehu hsiebhom ghall-futur qarib.

Illi dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda raguni ghala ma jemminx lill-ufficjal Joseph Mifsud li t-*tyres* li huwa ra kienu fil-fatt hziena, tant li s-sid kien eventwalment biddilhom. Madankollu dan it-Tribunal lanqas ma jista' jinjora illi dawn it-*tyres* gew spezzjonati madwar ghaxart ijiem wara li sar it-test mir-rikorrent. It-Tribunal ma jqisx bhala kredibbili illi f'ghaxart ijiem saret dik il-hsara kollha. Pero` huwa plawsibbli hafna illi sid il-vettura bidel l-istess tyres biex tela' ghat-test u wara rega' biddilhom. Meta jghaddi dan iz-zmien kollu bejn it-test u r-*retest* dejjem jibqa' dak id-dubju f'mohh dan it-Tribunal ta' x'seta' gara fil-frattemp. Jirrizulta illi sid il-vettura diga kien jaf li jekk ihalli dawk it-tyres il-

probabilita` kienet li mhux se jghaddi mit-test. Allura t-Tribunal jistaqsi: Jista' jkun li sid il-vettura biddel it-tyres biex proprju jghaddi mit-test u wara rega' biddilhom mal-antiki?

It-Tribunal huwa konxju illi l-imposizzjoni ta' penali fuq operatur ta' VRT station hija mizura gravi hafna ghaliex tista' twassal ghas-sospensjoni jew ghar-revokar tal-licenzja tal-istess operat, liema operat ikun l-ghajxien ta' kuljum tal-operatur u ta' haddiema ohra li jahdmu mieghu. Kwindi meta l-Awtorita` intimata tghaddi biex taghmel xi sanzjoni bhal dik ojderna trid tkun aktar kawta u kemm jista' jkun ghandha tara li l-*post VRT* isiru kemm jista' jkun vicin id-data tat-test jekk mhux addirittura, bhal ma gieli jsir, hekk kif il-vettura tkun ghadha hierga mill-*VRT station*. B'hekk jitnehha kull dubju li fil-frattemp is-sid ikun seta' biddel xi affarijiet jew li xi affarijiet mekkanici iddeterjoraw fil-ftit zmien li jkun ghadd sal-*post VRT*. It-Tribunal jerga' jirribadixxi illi fil-kaz in ezami huwa m'ghandu l-ebda dubju illi Joseph Mifsud ghamel apprezzament tajjeb tal-istat tat-*tyres*, pero` min-naha l-ohra ma jistghax serenement jippenalizza lir-rikorrent meta jezisti dubju dwar jekk iz-zewg tyres in kwistjoni kinux fil-fatt dawk li l-vettura kellha fil-hin tal-VRT. Dan aktar u aktar meta hadd mill-partijiet ma ressaq lil sid il-vettura biex tixhed f'dawn il-proceduri.

Illi t-Tribunal ihoss ukoll illi ghandu jigbed l-attenzjoni tal-Awtorita` intimata illi meta tirriskontra xi difett bhal dak odjern ghandha minnufih tinforma lit-tester li jkun ghamel it-test u tistiednu sabiex imur fuq il-post fejn ikun qieghed isir il-*post VRT* jew inkella l-vettura tittiehed dak il-hin stess fil-garage tal-istess tester, halli jkun f'posizzjoni li hu wkoll ikun partecipi ghal tali spezzjoni. B'hekk *tester* ma jigix affacjat bil-*fait accomplit*.

Ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-decizjoni appellata ghandha tigi revokata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jilqa' l-appell tar-rikorrent u konsegwentement ihassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 5 ta' Gunju 2018 filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel u ta-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jichad ir-rimanenti eccezzjonijiet.

Bl-ispejjez a karigu tal-Awtorita` intimata.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**